

DIRETTIVA DELEGATA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/280**tat-13 ta' Diċembru 2021****li temenda, għall-finijiet ta' adattament għall-progress xjentifiku u tekniku, l-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' eżenzjoni għall-użu tal-merkurju f'lampi oħra bi skarika elettrika taħt pressjoni baxxa****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1)(a) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2011/65/UE tirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw li t-tagħmir elettriku u elettroniku mqiegħed fis-suq ma jkunx fih is-sustanzi perikolużi elenkati fl-Anness II ta' dik id-Direttiva. Dik ir-restrizzjoni ma tapplikax għal ċerti applikazzjonijiet eżentati li huma elenkati fl-Anness III ta' dik id-Direttiva.
- (2) Il-kategoriji tat-tagħmir elettriku u elettroniku li għalihom tapplika d-Direttiva 2011/65/UE huma elenkati fl-Anness I ta' dik id-Direttiva.
- (3) Il-merkurju hu sustanza ristretta elenkata fl-Anness II tad-Direttiva 2011/65/UE.
- (4) Permezz tad-Deċiżjoni 2010/571/UE ⁽²⁾, il-Kummissjoni tat, fost affarijiet oħra, eżenzjoni għall-użu tal-merkurju f'lampi oħra bi skarika elettrika taħt pressjoni baxxa ("l-eżenzjoni"), li issa hija elenkata bħala l-eżenzjoni 4(a) fl-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE. L-eżenzjoni kellha tiskadi fil-21 ta' Lulju 2016, f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(2)(a) ta' dik id-Direttiva.
- (5) Il-merkurju jintuża fil-lampi bi skarika elettrika taħt pressjoni baxxa biex jiġi prodott dawl ultravjola li jintuża għad-dizinfekzjoni/għall-purifikazzjoni ultravjola tal-ġermi jew tal-batterji mill-ajru, mill-ilma u mis-superfiċi.
- (6) Fid-19 ta' Diċembru 2014 u fil-15 ta' Jannar 2015, il-Kummissjoni rċeviet żewġ applikazzjonijiet għat-tiġdid tal-eżenzjoni ("l-applikazzjoni għat-tiġdid"), jiġifieri fiż-żmien stabbilit fl-Artikolu 5(5) tad-Direttiva 2011/65/UE, u waħda minnhom ġiet aġġornata b'applikazzjoni mġedda fl-20 ta' Jannar 2020. F'konformità mal-Artikolu 5(5) tad-Direttiva 2011/65/UE, l-eżenzjoni tibqa' valida sa meta tittieħed deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għat-tiġdid.
- (7) L-evalwazzjoni tal-applikazzjoni għat-tiġdid, li qieset id-disponibbiltà tas-sostituti u l-impatt soċjoekonomiku tas-sostituzzjoni, ikkonkludiet li attwalment l-eliminazzjoni tal-merkurju fl-applikazzjonijiet ikkonċernati jew is-sostituzzjoni tiegħu b'sustanza b'prestazzjoni komparabbli attwalment mhijiex prattikabbli teknikament. Dik l-evalwazzjoni kkonkludiet ukoll li l-kamp ta' applikazzjoni attwali tal-eżenzjoni jista' jiġi limitat biex ikopri l-lampi bi skarika elettrika taħt pressjoni baxxa u li jemettu dawl fil-medda ultravjola. L-evalwazzjoni kienet tinkludi konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati f'konformità mal-Artikolu 5(7) tad-Direttiva 2011/65/UE. Il-kummenti li waslu matul dawn il-konsultazzjonijiet saru disponibbli għall-pubbliku fuq sit web apposta.

⁽¹⁾ ĠU L 174, 1.7.2011, p. 88.⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/571/UE tal-24 ta' Settembru 2010 li temenda, għal skopijiet ta' adattament għall-progress xjentifiku u tekniku, l-Anness għad-Direttiva 2002/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' eżenzjonijiet għal applikazzjonijiet li jkun fihom iċ-ċomb, il-merkurju, il-kadmju, il-kromju eżavalenti, il-bifenili polibrominati u l-eteri tad-difenil polibrominati (ĠU L 251, 25.9.2010, p. 28).

- (8) L-eżenzjoni hija konsistenti mar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾ u għalhekk ma ddgħajjifx il-protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa mogħtija minnu.
- (9) Għalhekk jixraq li jingħata t-tiġdid tal-eżenzjoni, b'formulazzjoni reveduta, filwaqt li jiġi stabbilit l-kamp ta' applikazzjoni limitat tal-eżenzjoni, għal perjodu massimu ta' ħames snin, f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2011/65/UE. F'konformità mal-Artikolu 5(6) tad-Direttiva 2011/65/UE, jenħtieġ li tiġi stabbilita data tal-iskadenza ta' 12-il xahar għall-eżenzjoni 4(a) attwali. Fid-dawl tar-riżultati tal-isforzi kontinwi biex tinstab sostituzzjoni affidabbli, x'aktarx li t-tul ta' żmien tal-eżenzjoni mhux se jkollu impatti avversi fuq l-innovazzjoni.
- (10) Għalhekk, jenħtieġ li d-Direttiva 2011/65/UE tiġi emendata skont dan,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE huwa emendat kif stabbilit fl-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jipubblikaw, sa mhux iktar tard minn tat-30 ta' Settembru 2022 il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet minn 1 oktober 2022.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Diċembru 2021.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

⁽³⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH) li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

ANNEX

Fl-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE, l-entrata 4(a) hija sostitwita b'dan li ġej:

Eżenzjoni		Kamp ta' applikazzjoni u dati tal-applikabbiltà
"4(a)	Merkurju fl-lampi oħra bi skarika elettrika taħt pressjoni baxxa (għal kull lampa): 15 mg	Tiskadi 24 februari 2023
4(a)-I	Il-merkurju fil-lampi bi skarika elettrika taħt pressjoni baxxa, mhux miksija bil-fosforu, fejn l-applikazzjoni tirrikjedi l-medda prinċipali tal-output spettrali tal-lampi biex tkun fl-ispettru ultravjola: jista' jintuża sa 15 mg merkurju għal kull lampa	Tiskadi 24 februari 2027"